

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B****DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/34/PESK**

tas-17 ta' Jannar 2013

dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali)

(ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/729/PESK tad-9 ta' Diċembru 2013	L 332	18	11.12.2013
► <u>M2</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/220/PESK tal-15 ta' April 2014	L 113	27	16.4.2014
► <u>M3</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/446 tat-23 ta' Marzu 2016	L 78	74	24.3.2016
► <u>M4</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/971 tat-8 ta' Ġunju 2017	L 146	133	9.6.2017
► <u>M5</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/716 tal-14 ta' Mejju 2018	L 120	8	16.5.2018
► <u>M6</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/434 tat-23 ta' Marzu 2020	L 89	1	24.3.2020
► <u>M7</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1966 tas-17 ta' Ottubru 2022	L 270	82	18.10.2022

Kkoreġuta minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 116, 30.4.2016, p. 39 (2016/446)

▼ B**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/34/PESK****tas-17 ta' Jannar 2013****dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali)****▼ M6***Artikolu 1***Missjoni**

1. L-Unjoni għandha twettaq missjoni ta' taħriġ militari fil-Mali (EUTM Mali) sabiex tassisti lill-Forzi Armati tal-Mali (FAM) biex jirrestawraw il-kapaċità militari tagħhom bil-ħsieb li jkunu jistgħu jwettqu operazzjonijiet militari li jkollhom l-għan li jirrestawraw l-integrità territorjali tal-Mali u jnaqqsu t-theddida ta' gruppi terroristiċi, u li jipprovdu assistenza militari lill-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel kif ukoll lill-forzi armati nazzjonali fil-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel. L-EUTM Mali ma għandhiex tkun involuta f'operazzjonijiet ta' għied.

2. L-oġġettivi strateġiċi ta' EUTM Mali għandhom ikunu li:

- (a) tikkontribwixxi għat-titjib tal-kapaċità operazzjonali tal-FAM taħt il-kontroll tal-awtoritajiet ċivili leġittimi tal-Mali;
- (b) tappoġġa lill-G5 tas-Saħel permezz tal-operazzjonalizzazzjoni tal-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel u tal-forzi armati nazzjonali fil-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel.

▼ M7

3. Għall-fini tal-oġġettiv imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2, EUTM Mali għandha tipprovdi lill-FAM pariri u edukazzjoni militari, sakemm il-KPS ma jiddeċidix li jissospendi dawk l-attivitajiet. Barra minn hekk, jekk il-KPS jiddeċiedi li l-kondizzjonijiet ikunu ssodisfati, EUTM Mali għandha tipprovdi lill-FAM taħriġ, inkluż taħriġ qabel l-istazzjonar, u mentoraġġ, permezz ta' akkumpanjament mhux eżekuttiv sal-livell tattiku, sabiex EUTM Mali tkun tista' twettaq segwitu għall-attivitajiet tal-FAM u tissorvelja l-prestazzjoni u l-imġiba tagħhom, inkluż fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali.

▼ M6

4. Għall-finijiet tal-oġġettiv imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 2, EUTM Mali għandha tipprovdi lill-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel u lill-forzi armati nazzjonali b'pariri militari, taħriġ u mentoraġġ, permezz ta' akkumpanjament mhux eżekuttiv sal-livell tattiku.

5. EUTM Mali għandha ssegwi approċċ gradwali u modulari għall-attivitajiet barra mill-Mali b'appoġġ għall-G5 tas-Saħel.

6. L-attivitajiet ta' EUTM Mali għandhom jitwettqu b'koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, f'konformità mal-Approċċ Integrat tal-UE, u ma' atturi oħra involuti fl-appoġġ lill-FAM, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti (NU), l-operazzjoni Barkhane u l-Komunità Ekonomika tal-Istati Afrikani tal-Punent (ECOWAS) biex tissaħħaħ il-koerenza tal-azzjonijiet,

▼ M6

jiġi żgurat il-koordinament u r-riżorsi jiġu ottimizzati kif xieraq biex jinkiseb l-aħjar effett, b'rispett dovut għall-qafas istituzzjonali tal-Unjoni. Dawk l-attivitajiet għandhom jiġu appoġġati miċ-Ċellula ta' Konsulenza u Koordinazzjoni Reġjonali (RACC) f'EUCAP Sahel Mali.

▼ M7

7. EUTM Mali għandha tkompli, bil-mezzi u l-kapaċitajiet disponibbli, l-attivitajiet iffukati fin-Niġer u l-Burkina Faso mill-Mali skont il-mandat eżistenti, b'kont sħiħ meħud tal-kuntest politiku u l-ħtiġijiet espressi mill-awtoritajiet, sakemm jiġu stabbiliti soluzzjonijiet dedikati biex jiġu żgurati l-kontinwità u l-permanenza tal-operazzjonijiet.

8. EUTM Mali għandha tappoġġa l-isforzi għal komunikazzjoni strateġika biex jitrawmu l-valuri tal-Unjoni, tiġi promossa l-azzjoni tal-Unjoni u jinkixfu l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali minn forzi barranin fil-Mali.

▼ B*Artikolu 2***Ħatra tal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE****▼ M4**

1. Id-Direttur tal-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija (MPCC) għandu jkun il-kmandant tal-missjoni EUTM Mali.
2. Il-Brigadier Ġeneral Peter Devogelaere huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-Missjoni EUTM Mali.

▼ B*Artikolu 3***Għażla tal-Kwartieri Ġenerali tal-Missjoni****▼ M4**

1. L-MPCC għandha tkun l-istruttura statika ta' kmand u kontroll fil-livell strateġiku militari barra miż-Żona tal-Operazzjonijiet, li hija responsabbli għall-ippjanar u t-tmexxija operazzjonali ta' EUTM Mali.
2. Il-Kwartieri Ġenerali tal-Forza tal-Missjoni EUTM Mali għandhom ikunu fil-Mali u għandhom joperaw taħt il-kmand tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.
3. FI-MPCC għandha tiġi inkluża ċellola ta' appoġġ, li tkun tinsab fi Brussell, tal-Kwartieri Ġenerali tal-Forza tal-Missjoni sakemm l-MPCC tilħaq kapaċità operazzjonali sħiħa.

▼ M1*Artikolu 3a***Ċellula ta' proġetti**

1. EUTM Mali għandu jkollha ċellula ta' proġetti għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti. Il-Missjoni għandha, kif inhu xieraq, tikkoordina, tiffaċilita u tipprovdi pariri dwar proġetti implimentati mill-Istati Membri u Stati terzi, taħt ir-responsabbiltà tagħhom, f'oqsma relatati mal-mandat tal-Missjoni u b'appoġġ tal-oġġettivi tagħha.

▼ M1

2. Soġġett għall-paragrafu 3, il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għandu jkun awtorizzat li jfittex rikors għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri jew Stati terzi sabiex jiġu implimentati proġetti identifikati bħala li jissupplimentaw l-azzjonijiet l-oħra ta' EUTM Mali b'mod konsistenti. F'tali każ, il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għandu jikkonkludi arranġament ma' dawk l-Istati, li jkopri b'mod partikolari l-proċeduri speċifiċi biex jiġi ttrattat kwalunkwe ilment minn partijiet terzi rigward danni kkawżati bħala riżultat ta' atti jew ommissjonijiet mill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE fl-użu tal-fondi pprovduti minn dawk l-Istati.

Taħt l-ebda ċirkostanza l-Unjoni jew ir-RGħ m'għandhom jinżammu responsabbli mill-Istati kontribwenti bħala riżultat ta' atti jew ommissjonijiet mill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE fl-użu tal-fondi minn dawk l-Istati.

3. Il-KPS għandu jaqbel dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja minn Stati terzi għaċ-ċellula ta' proġetti.

▼ B*Artikolu 4***Ippjanar u tnedija tal-EUTM Mali**

Id-Deċiżjoni dwar it-tnedija tal-EUTM Mali għandha tiġi adottata mill-Kunsill wara l-approvazzjoni tal-Pjan tal-Missjoni u tar-Regoli tal-Kumbattiment.

*Artikolu 5***Kontroll politiku u direzzjoni strateġika**

1. Taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u tar-RGħ, il-KPS għandu jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni militari tal-EUTM Mali. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti f'konformità mal-Artikolu 38 tat-TUE. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi s-setgħat biex jiġu emendati d-dokumenti tal-ippjanar, inkluż il-Pjan tal-Missjoni, u l-Linja tal-Kmand. Hija għandha tinkludi wkoll is-setgħat biex jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-► **M4** Kmandanti tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ◀ sussegwenti. Is-setgħat ta' deċiżjoni rigward l-oġettivi u t-tmiem tal-EUTM Mali għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill.

2. Il-KPS għandu jirrapporta lill-Kunsill f'intervalli regolari.

3. Il-KPS għandu jirċievi, f'intervalli regolari, rapporti mill-President tal-Kumitat Militari tal-UE (EUMC) rigward it-twettiq tal-EUTM Mali. Il-KPS jista' jistieden lill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE ► **M4** u l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ◀ għal-laqgħat tiegħu, kif adatt.

*Artikolu 6***Direzzjoni militari**

1. L-EUMC għandu jissorvelja l-eżekuzzjoni korretta tal-EUTM Malimwettqa taħt ir-responsabbiltà tal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE.

2. L-EUMC għandu jirċievi, f'intervalli regolari, rapporti mill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE. Huwa jista' jistieden lill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE ► **M4** u l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ◀ għal-laqgħat tiegħu, kif adatt.

▼B

3. Il-President tal-EUMC għandu jaġixxi bħala l-punt ewlieni ta' kuntatt mal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE.

*Artikolu 7***Konsistenza fir-rispons u l-koordinazzjoni tal-Unjoni**

1. Ir-RGħ għandu jiżgura l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u jiżgura wkoll il-konsistenza tagħha mal-azzjoni esterna fl-intier tagħha tal-Unjoni, inkluż, il-programmi ta' żvilupp tal-UE.

▼M4

2. Mingħajr preġudizzju għal-linja ta' kmand, il-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għandu jirċievi gwida politika lokali mir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Saħel ikkoordinata mal-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni f'Bamako.

▼B

3. L-EUTM Mali għandha tikkoordina mal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni fin-Niġer (EUCAP SAHEL Niger) bil-għan li jiġu esplorati s-sinerġiji possibbli.

4. L-EUTM Mali għandha tikkoordina l-attivitajiet tagħha mal-attivitajiet bilaterali tal-Istati Membri f'Mali, ma' atturi internazzjonali oħra fir-reġjun, b'mod partikolari n-NU u l-Unjoni Afrikana (UA), ECOWAS u l-atturi bilaterali inklużi l-Istati Uniti u l-Kanada, u ma' atturi reġjonali ewlenin.

*Artikolu 8***Parteċipazzjoni ta' Stati terzi**

1. Mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni u għall-qafas istituzzjonali uniku tagħha, u skont il-linji gwida rilevanti tal-Kunsill Ewropew, Stati terzi jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw fl-EUTM Mali.

2. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS biex jistieden lil Stati terzi sabiex jipproponu kontribut u biex jieħdu, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE ► **M4** f'konsultazzjoni mal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE, ◀ u l-EUMC, id-deċiżjonijiet adatti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti.

3. Arranġamenti dettaljati rigward il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu koperti minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 37 TUE u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218 TFUE. Fejn l-Unjoni u Stat terz ikunu kkonkludew ftehim li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni ta' dan tal-aħħar f'missjonijiet ta' maniġġar ta' kriżi tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehim għandhom japplikaw fil-kuntest tal-EUTM Mali.

4. L-Istati terzi li jagħmlu kontributi militari sinifikanti għall-EUTM Mali għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi fir-rigward tat-tmexxija ta' kuljum tal-EUTM Mali bħall-Istati Membri li jieħdu sehem fl-EUTM Mali.

5. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS biex jieħdu d-deċiżjonijiet adatti rigward l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Kontributori, fil-każ li xi Stati terzi jagħmlu kontributi militari sinifikanti.

▼B*Artikolu 9***Status tal-persunal immexxi mill-UE**

L-istatus tal-unitajiet u l-persunal immexxija mill-UE, inklużi l-privileġġi, l-immunitajiet u l-garanziji ulterjuri meħtieġa għat-twettiq u l-funzjonament bla xkiel tal-missjoni tagħhom jista jkun is-suġġett ta' ftehim konkluż skont l-Artikolu 37 TUE u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218 TFUE.

*Artikolu 10***Arranġamenti Finanzjarji**

1. L-ispejjeż komuni tal-EUTM Mali għandhom jiġu amministrati skont id-Deċiżjoni 2011/871/PESK.

▼M5

2. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-EUTM Mali għall-perijodu mid-19 ta' Mejju 2018 sat-18 ta' Mejju 2020 għandu jkun ta' EUR 59 743 047,00. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 25(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/528 ⁽¹⁾ għandu jkun ta' 0 %, u l-perċentwal għall-impenn imsemmi fl-Artikolu 34(3) ta' dik id-Deċiżjoni għandu jkun ta' 30 %.

▼M6

3. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni ta' EUTM Mali għall-perijodu mid-19 ta' Mejju 2020 sat-18 ta' Mejju 2024 għandu jkun ta' EUR 133 711 059. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 25(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 għandu jkun ta' 15 % għall-impjenji u 0 % għall-pagamenti.

▼B*Artikolu 11***Rilaxx ta' Informazzjoni**

1. Ir-RGħ għandu jkun awtorizzat jirrilaxxa lil Stati terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni, kif adatt u f'konformità mal-bżonnijiet tal-EUTM Mali, informazzjoni klassifikata tal-UE ġġenerata għall-finijiet tal-EUTM Mali, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/292/UE tal-31 ta' Marzu 2011 dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE ⁽²⁾:

- (a) sal-livell previst mill-ftehimiet applikabbli dwar is-sigurtà tal-informazzjoni konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat terz ikkonċernat; jew
- (b) sal-livell "CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL" f'każijiet oħra.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/528 tas-27 ta' Marzu 2015 li tistabbilixxi mekkaniżmu sabiex jiġi amministrat il-finanzjament tal-ispejjeż komuni tal-operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża (Athena) u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/871/PESK (ĠU L 84, 28.3.2015, p. 39).

⁽²⁾ ĠU L 141, 27.5.2011, p. 17.

▼ B

2. Ir-RGħ għandu jkun awtorizzat ukoll jirrilaxxa lin-NU u lill-ECOWAS f'konformità mal-bżonnijiet operattivi tal-EUTM Mali, informazzjoni klassifikata tal-UE sal-livell "RESTREINT UE/EU RESTRICTED" iġġenerata għall-finijiet tal-EUTM Mali, f'konformità mad-Deċiżjoni 2011/292/UE. Għandhom jitfasslu arranġamenti għal dan il-għan bejn ir-RGħ u l-awtoritajiet kompetenti tan-NU u l-ECOWAS.

3. Fil-każ ta' bżonn operattiv speċifiku u immedjat, ir-RGħ għandu jkun awtorizzat ukoll jirrilaxxa lill-Istat ospitanti kwalunkwe informazzjoni klassifikata tal-UE sal-livell "RESTREINT UE/EU RESTRICTED" iġġenerata għall-finijiet tal-EUTM Mali, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/292/UE. Għandhom jitfasslu arranġamenti għal dan l-għan bejn ir-RGħ u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ospitanti.

4. Ir-RGħ għandu jkun awtorizzat jirrilaxxa lill-Istati terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni kwalunkwe dokument mhux klassifikat tal-UE marbut mad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-EUTM Mali u li jkun kopert mill-obbligu ta' segretezza professjonali f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ⁽¹⁾.

5. Ir-RGħ jista' jiddelega tali setgħat imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4, kif ukoll l-kapċità li jiġu konklużi l-arranġamenti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 lill-persunal tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u/jew lill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE ► **M4** u/jew lill-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ◀.

*Artikolu 12***Dħul fis-seħħ u terminazzjoni**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

▼ M6

2. Il-mandat ta' EUTM Mali għandu jasal fi tmiemu fit-18 ta' Mejju 2024.

▼ B

3. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi mħassra mid-data tal-għeluq tal-Kwartieri Ġenerali tal-Missjonijiet f'konformità mal-pjani approvati għat-tmiem tal-EUTM Mali, u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri li jirrigwardaw il-verifika u l-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-EUTM Mali, stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/871/PESK.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).